MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 722/2011

**Harold Angelus Fiott Grima *sive* Fiott**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistrtur Pubbliku bin-numru 7064 tas-sena 1950, anness u mmarkat Dok A, fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", il-kunjom ta' missier il-minuri, u ċjoe' kunjom John huwa erronjament indikat bħala "Fiott Grima";

Illi għaldaqstant, isegwi li l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 716 tas-sena 1981, estratt

veru mil-liema Att huwa hawn anness u mmmarkat Dok B, fil-kolonna intestata "partikolarijiet dwar isem u kunjom ir-raġel", kunjom ir-rikorrenti huwa wkoll erronjament indikat bħala "Fiott Grima";

Illi dan l-iżball wassal biex fl-Atti tat-twelid ta' wlied ir-rikorrenti maħruġa mir-Reġistratur Pubbliku bin-numri ta' reġistrazzjoni 3 tas-sena 1986 u 4 tas-sena 1986 rispettivament hawn annessi u mmarkati Dok C u Dok D, fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", kunjom ir-rikorrenti huwa erronjament indikat bħala "Fiott Grima";

Illi l-kunjom "Grima" wara dak ta' Fiott huwa mingħajr ebda dubju frott ta' żball u dan għas-segwenti raġunijiet:

i. Illi fl-Att tat-Twelid ta' missier ir-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 3398 tas-sena 1912, hawn anness u mmarkat Dok E fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", kunjom Angelo huwa ndikat bħala "Fiott" biss.

ii. Illi fl-Att taż-Żwieġ ta' missier ir-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 76 tas-sena 1939, hawn anness u mmarkat Dok F fil-kolonna intestata "isem u kunjom ir-raġel miżżewweġ", kunjom missier ir-rikorrenti huwa wkoll indikat bħala "Fiott" biss.

iii. Illi fl-Att tal-Mewt ta' missier ir-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 2142 tas-sena 1981, hawn anness u mmarkat Dok G fil-kolonna intestata "isem u kunjom tal-mejjet", kunjom missier ir-rikorrenti huwa wkoll indikat bħala "Fiott" biss.

Illi sa mit-twelid, ir-rikorrenti dejjem kien magħruf u konsistentement imsejjaħ bil-kunjom "Fiott" biss u għalhekk tali inkonsistenza qed tikkawżalu diffikulatjiet prattiċi;

Illi r-rikorrenti għandu interess skond il-liġi, *ai termini* tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant *ai termini* tal-Artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1 Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 7064 tal-1950, liema att jirreferi għat-twelid tar-rikorrenti fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", il-kunjom ta' missier ir-rikorrenti ndikat bħala "Fiott Grima" jiġi korrett għall "Fiott";

2 Tordna korrezzjoni tal-Att taż-Żwieġ numru 716 tal-1981, liema att jirreferi għaż-żwieġ tar-rikorrenti fis-sens li fil-kolonna intestata "partikolarijiet dwar isem u kunjom ir-raġel", il-kunjom indikat bħala "Fiott Grima" jiġi korrett għall "Fiott";

3 Tordna korrezzjoni tal-Atti tat-Twelid numri 3 tal-1986 u 4 tal-1986 rispettivament, liema atti jirreferu għat-twelid ta' wlied ir-rikorrenti, fis-sens li fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija", il-kunjom tar-rikorrent indikat bħala "Fiott Grima" jiġi korrett għal "Fiott";

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-19 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi in vena preliminari wkoll jirriżulta tassew li fl-Atti tal-Istat Ċivili annessi u msemmija fil-punt numru 4 tar-rikors

ġuramentat, il-kunjom indikat huwa Fiott u mhux Fiott Grima.

Illi mir-riċerka li għamel l-esponenti stess jirriżulta li fl-att ta' twelid ta' iben ir-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni 1543 tas-sena 1983, (Dok A.) il-kunjom indikat wara isem ir-rikorrenti kif ukoll wara isem missier ir-rikorrenti huwa wkoll Fiott biss.

Illi għaldaqstant l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Fiott Grima" għal "Fiott" fl-Att tat-Twelid numru 7064/1950, l-Att taż-Żwieġ numru 716/1981 u l-Atti tat-Twelid numri 3/1986 u 4/1986, salv però li huwa m'għandhux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-att ta' twelid tar-rikorrenti 7064/1950, u ċjoè s-sena 1950, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid u taż-żwieġ tar-rikorrenti kif ukoll fl-atti tat-twelid ta' wlied ir-rikorrenti kien proprju missier ir-rikorrenti John u r-rikorrenti stess li kienu għamlu d-dikjarazzjoni fl-imsemmijin atti u kienu anke bil-firma tagħhom urew il-kunsens tagħhom għall-informazzjoni li kien hemm kontenuta fl-atti;

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

It-talba attur hija ġustifikata billi jirriżulta kollox minn ekwivoku.. Pero' kif sewwa eċċepixxa l-konvenut huwa ma jaħtix għall-iżball u għalhekk huwa m'għandux jeħel spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawza ikunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------